MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2007

Rikors Numru. 24/2006

**Maria Dolores Caruana**

**V**

**Kummissarju tat-Taxxxi Interni**

**Il-Qorti:-**

Rat illi nhar il-31 ta' Ottubru 2005 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni interpella permezz ta' Ittra Ufficcjali lir-rikorrenti Maira Dolores Caruana sabiex fi zmien jumejn thalsu s-somma ta' mitejn u sitta u tlettin lira Maltin (LM236) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1980, 1982,1983,1984,1985 u 1986 skond l-avviz esebit fl-atti *animo ritirandi* u markat bhala dokument A.

Illi skond l-Kummissarju tat-Taxxi Interni r-rikorrenti naqset li thallas l-ammont dovut minkejja t-talba ghall-hlas li saritilha u li kopja taghha giet ukoll annessa *animo ritirandi* u markata bhala dokument B u ghalhekk giet avzata ulterjorment li jekk tonqos li thallas l-ammont dovut

fi zmien lilha prefiss huwa kien ser jipprocedi kontra taghha ghall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini ta’ l-Artikolu 40 ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Bl-ispejjes ta’ dak l-att kontra r-rikorrenti.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-29 ta’ Novembru 2005 fejn bir-rispett esponiet li:-

B’ittra ufficcjali tal-31 ta’ Ottubru 2005 l-intimat interpella r-rikorrenti sabiex fi zmien jumejn (2) thallas is-somma ta’mitejn, sitta u tletin lira Maltin (LM236) fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul ta Domenic Caruana ghas-snin 1980, 1982, 1983, 1984, 1985 u 1986.

Illi r-rikorrenti kienet imnizzla fl-Ittra Ufficcjali bhala eredi ta’ Domnic Caruana.

Illi fil-fatt l-esponenti mhix werrieta ta’ Domnic Caruana.

Illi barra hekk il-hlas kif imsemmi hu preskritt skond ma jipprovdi l-Artikolu 47(2) ta’ l-Att XV111 ta’ l-1994 kif applikabbli ghas-snin imsemmija aktar ‘l fuq qabel ma l-Artikolu msemmi kien emendat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tghogobha tiddikjara li l-pretensjoni ta’ l-intimat ghal hlas lura ta’ taxxa fl-ammont ta’ LM236 kif dedott fl-Ittra Ufficcjali minnu prezentata fil-31 ta’ Ottubru 2005 hija bla bazi u infondata u li konsegwentement ir-rikorrenti mhix debitrici ta’ l-intimat fl-ammont pretiz.

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar 9 ta’ Jannar 2006 fejn espona s-segwenti:-

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi billi Domnic Caruana miet intestat huma l-qraba vicini tieghu li jirtu l-beni tieghu skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti hija addirittura l-armla ta’ Domnic Caruana u ghalhekk hija trid tipprova li ma gawditx b’xi mod mill-proprjeta tal-mejjet.

Illi apparti minn dan, bhala l-armla tad-debitur ir-rikorrenti ghandha jkollha interess tara li r-ragel taghha ma jkunx miet midjun u ghalhekk ghandha kull interess li tammetti jew tikkontesta t-talba.

Illi in oltre l-ammont mitlub mhux preskritt b’eda mod billi l-emenda ghall-Artikolu 47 imsemmi fir-rikors tapplika anke ghas-snin ta’ stima 1980 u 1982 sa 1986.

Ghaldaqstant talab lil din l-Onorabbli Qorti tghogobha tirrispingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet lir-rikorrenti **Maria Dolores Caruana** tixhed nhar 23 ta’ Frar 2006 u tispjega li Domnic Caruana, zewgha miet intestat f’Settembru 1986. Qalet li miet minghajr assi u li hi ma wirtet xejn minghandu ghalkemm att gudizzjarju sabiex tirrinunzja ghal xi wirt tieghu ma ghamlitx. Qalet li l-ewwel darba li saret taf li zewgha kellu jghati lil Kummissarju tat-Taxxi Interni kien meta irceviet l-Ittra Ufficcjali fuq imsemmija u fil-fatt marrret mill-ewwel ghand l-avukat biha. Spjegat li dan nonnostante l-Kummissarju tat-Taxxi Interni xorta baqa’ ghaddej
in kontro-ezami jekk id-dar matrimonjali kienitx ta’ zewgha hija qalet li d-dar ma kienitx tieghu u flus kontanti ma kellux.

Rat illi nhar id-29 ta’ April 2007 l-intimat iddikjara li mhux ser ifittex lir-rikorrenti ghall-ebda taxxa dovuta minnha ghas-sena 1986.

Rat in-nota ta’ cessjoni tar-rikorrenti fejn cediet il-mertu tar-rikors taghha izda zammet ferm ghall-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

Rat illi l-proceduri odjerni gew intavolati mir-rikorrenti ghaliex l-intimat kien bi hsiebu jipprocedi ulterjorment sabiex jigbor il-flus dovuti lilu mid-decujus Domnic

Caruana minghandha, u kieku ma kienx hekk dawn il-proceduri ma kienu qatt jigu intavolati.

GHALDAQSTANT il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tar-rikors u risposta tal-partijiet stante in-nota ta’ cessjoni prezentata mir-rikorrenti u l-verbal maghmul mill-istess intimat u tiidecidi billi tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjes kollha ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------